31998R1285

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1285/98

tat-22 ta' Ġunju 1998

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2123/89 li jistabbilixxi lista tas-swieq rappreżentattivi għall-laħam tal-majjal fil-Komunità

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2759/75 tad-29 t'Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-laħam tal-majjal [1], kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 3290/94 [2], u b'mod speċjali l-Artikolu 4(6) tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2123/89 [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 532/96 [4], jistabilixxi lista tas-swieq rappreżentattivi għal-laħam tal-majjal fil-Komunità;

Billi fl-Irlanda, fil-Lussemburgu u fi Spanja saret bidla fis-swieq rappreżentattivi; billi lista tas-swieq rappreżentattivi għal-laħam tal-majjal fil-Komunità msemmija fl-Anness tar-Regolament (KEE) Nru 2123/89 trid minħabba f'hekk tkun emendata;

Billi l-miżuri li hemm f'dan ir-Regolament jaqblu mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni tal-Laħam tal-Majjal,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness għar-Regolament (KEE) Nru 2123/89 huwa emendat kif ġej:

1. il-punt 4 huwa mibdul b'dan li ġej:

"4. Il-grupp ta' ċentri ta' kwotazzjoni li ġejjin: Ebro (Zaragoza), Mercolleida (Lleida), Campillos (Málaga), Segovia, Segura (Murcia), Silleda (Pontevedra)

u l-grupp ta' swieq li ġejjin: Alhama (Murcia), Barcelona, Binefar (Huesca), Burgos, Calamocha (Teruel), Mollerussa (Lleida), Pamplona, Porriño (Pontevedra), Segovia, Sierra de Yeguas (Málaga), Valdepeñas (Ciudad Real)."

2. il-punt 7 huwa mibdul b'dan li ġej:

"7. Il-grupp ta' swieq li ġejjin: Rooskey, Waterford, Tralee u Mitchelstown."

3. il-punt 9 huwa mibdul b'dan li ġej:

"9. Is-suq li ġej: Esch."

Artikolu 2

This Regulation shall enter into force on 1 July 1998.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-22 ta' Ġunju 1998.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 282, ta' l-1.11.1975, p. 1.
[2] ĠU L 349, tal-31.12.1994, p. 105.
[3] ĠU L 203, tal-15.7.1989, p. 23.
[4] ĠU L 78, tat-28.3.1996, p. 14.